GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR250087 | 21.01.2025 | 2

**<u>STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER</u>**

***L-Ispeaker jiġi ppreżentat bil-ktieb "Ġorġ Borg Olivier"***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia ġie ppreżentat bil-ktieb "Ġorġ Borg Olivier" mill-awtur Michael Caruana.

Waqt il-preżentazzjoni, l-Ispeaker esprima l-gratitudni tiegħu lejn l-awtur għall-inizjattiva li tiddokumenta kapitlu ieħor mill-istorja ta' pajjiżna. Huwa sellem il-memorja ta' ġgnant politiku l-eks prim ministru u eks kap tal-Partit Nazzjonalista Ġorġ Borg Olivier, li, flimkien ma' Dom Mintoff – ġgant ieħor politiku ta' dak iż-żmien – ħadem b'dedikazzjoni favur il-progress u l-benesseri tal-poplu Malti.

L-Ispeaker tkellem dwar l-importanza li tinstab armonija storika fl-evalwazzjoni tal-personalitajiet li taw kontribut sinifikanti għall-iżvilupp tal-pajjiż, u sostna li pubblikazzjonijiet bħal dawn isaħħu l-għarfien dwar il-wirt storiku ta' Malta.

Għal din il-preżentazzjoni kienu preżenti id-Deputat Speaker David Agius u s-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista Michael Piccinino.